MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 68/2004

**Alan Busuttil, Roccu u Emanuela l-konjugi Busuttil personalment u bhala rappresentanti legittimi tal-minuri**
**Kimberley Busuttil ilkoll bhala l-eredi ta' decuius Marlon Busuttil**
**vs**
**Raymond Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi tas-27 ta' Jannar 2004 li tghid hekk:

Peress illi l-atturi huma l-eredi tal-mejjet Marlon Busuttil, li miet fit-12 ta' Gunju 2003 in konsegwenza ta' incident stratali;

U peress illi l-incident stradali sehh gewwa Triq Safi, Hal-Kirkop waqt li l-

mejjet Marlon Busuttil kien qed isuq mutur tal-marka Honda bin-numru ta' registrazzjoni FBJ 267, u l-konvenut kien qed isuq xarabank bin-numru ta' registrazzjoni DBY 412;
U peress illi ghall-incident de *quo* jahti ghalih unikament il-konvenut
minhabba imprudenza, negligenza, u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

U peress illi saret inkjesta mill-Magistrat Inkwerenti, vide l-anness dokument immarkat MB1;

U peress illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur, baqa inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-12 ta' Gunju 2003 fit-Triq Safi, Hal-Kirkop u ghad-danni kollha li sofrew l-atturi b'rizultat tal-istess incident awtomobilistiku;

2. Tillikwida l-istess danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-istess incident;

3. Tikkundana lill-konvenut ihallas lill-atturi dak l-ammont dikjarat u likwidat min din l-Onorabbli Qorti bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, incluzi dawk tal-ittra ufficali presentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut ingunt ghas subizzjoni;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut li jghid hekk:

1. <u>In linea preliminari</u>, l-atturi ghandhom iressqu provi dokumentarji sabiex jippruvaw il-pretensjoni taghhom li huma l-eredi tal-mejjet Marlon Busuttil;

2. <u>In linea preliminari wkoll</u>, *il-proces verbal* ta' l-inkjesta magisterjali (Dok. MB1) mhux il-prova konklussiva ta' sejbien ta' htija tal-esponent fil-proceduri kriminali li ghadhom pendenti. Wisq anqas jaghmel stat ghal fini ta' dawn il-proceduri civili. Ghalhekk din il-Qorti ghandha tordna l-lsfilz ta' dan id-dokument;

3. <u>Bla pregudizzju ghall-premess u fil-meritu</u>, l-ewwel talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku in ezami ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-eccipjent izda sehh bi htija tal-mejjet Marlon Busuttil u tal-genituri tieghu l-atturi Rocco u Emanuela konjugi Busuttil;

4. Ghalhekk it-tieni talba tal-atturi ghandha tkun michuda billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi;

5. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata stante li l-eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-atturi;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda, rapport u dokumenti esebiti kif ukoll hadet konjizzjoni tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2011.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Din hi kawza dwar incident stradali li sehh fi Triq Safi, Kirkop fit-12 ta' Gunju 2003 bejn xarabank bin-numru DBY 412 misjuq mill-konvenut u mutur Honda 70 numru FBJ 267 misjuq minn Marlon Busuttil li tilef hajtu f'dan l-incident. Jinghad illi l-konvenut ma hux sid ix-xarabank ghalkemm jirrizulta li kien ilu jsuq xarabank tnax-il sena. Marlon Busuttil invece kellu sbatax-il sena u disa' xhur u ma kellux licenzja tas-sewqan. Il-mutur kien ta' missieru Roccu Busuttil.

Bhala fatt jirrizulta illi ma hemmx xhieda okulari tal-incident hlief il-konvenut li xehed dwar l-incident. Ghalkemm tela' jixhed passiggier li kien fix-xarabank dan ma rax l-incident isehh u sema' biss il-hoss tal-habta. Is-sewwieq tal-mutur kien wahdu meta sehh l-incident fejn tilef hajtu.

Il-konvenut jixhed li kien qed isuq fuq ir-rotta li taghti miz-Zurrieq ghal Belt tramite Safi u Kirkop. Il-konvenut ighid li l-incident sehh f'salt. Hu kien ghadu kif nizzel xi passiggieri minn fuq bus stop tul ta' tlett xarabanks lura mnejn sehh l-incident. Kien isuq bil-mod u hin minnhom qabel jasal f'kisra ghax-xellug mnejn ried ighaddi kellu jissorpassa trakk Bedford ipparkjat illegalment fuq ix-xellug tieghu. Dan it-trakk kien ilu jigi pparkjat hemm. Biex isir is-sorpass kellu jaqla' l-barra pero t-triq hi wiesa' bizzejjed li jghaddu zewg xarabanks biswit xulxin anki bit-trakk ipparkjat. Meta sehh l-incident hu kien issorpassa t-trakk b'nofs it-tul tax-xarabank. Qal li ra lil mutur gej mill-faccata tul ta' nofs xarabank boghod minnu. Kien qieghed f'nofs it-triq fejn gie immarkat mill-perit tal-Qorti fuq il-pjanta fl-Inkjesta Magisterjali. Ra lis-sewwieq tal-mutur iqum minn fuq il-mutur u l-mutur hareg minn tahtu. Il-konvenut ighid li hu kiser kemm seta' lejn ix-xellug tant li l-quddiem tieghu kien imiss mal-bankina. Ra l-mutur u s-sewwieq jitkaxkru lejh. Dak il-hin kien wieqaf u ma seta' jaghmel xejn aktar. Il-mutur u s-sewwieq baqghu dehlin taht ix-xarabank fuq il-genb ta' quddiem tal-lemin. Hu zied li s-sewwieq tal-mutur ma kienx liebes helmet izda kien imdendel mal-mutur. Fil-kontroezami qal li mnejn kien gej hu t-triq hi dritta, wiesa' u imbaghad tidjieq. Hu qal li bit-

trakk ipparkjat vicin il-kanturniera max-xellug mnejn ried jikser trid tixghel l-indicator, taqla' l-barra u tikser mal-linja fuq ix-xellug. Hu zied li ghadda nkaxxat mat-trakk. Zied li meta ra lis-sewwieq jaqa' mill-mutur ghafas kemm seta' max-xellug. Hu insista li qatt ma kien fuq in-naha hazina tat-triq avolja ssorpassa trakk wieqaf. Qal li ghafas il-brakes u ammetta li l-marki li jidhru taht ix-xarabank fil-pjanta tal-perit tekniku Valerio Schembri espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali, huma tax-xarabank. Hu zied li l-brakes ghafashom f'salt u b'hekk illokjaw. Fl-ebda hin it-trakk ma tkaxkar izda waqaf. Hu cahad li x-xarabank kellu xi hsara. Il-konvenut zied ukoll li kien ihares il-quddiem fil-boghod u ra lil mutur gej u jaqa' tul ta' xarabank u nofs minnu. Zied li kieku s-sewwieq ma waqax mill-mutur ma kienx jibqa' jitkaxkar go fih. Ma setghax jispjega x'kienet ir-raguni ghalfejn tal-mutur waqa'. Kien jidher li tilef il-kontroll ghax ra l-mutur joghla u s-sewwieq joghla mieghu. Is-sewwieq tal-mutur tkaxkar tul ta' xi ghaxar metri. Dak il-hin il-konvenut xehed li kien gia wieqaf (ara xhieda fol. 184 et seq. u 370 et seq.).

Passiggier li kien fuq ix-xarabank xi tlett seats wara d-driver certu Michael Mifsud xehed li ftit il-fuq mir-roundabout ta' Hal Kirkop rikbu mara fuq ix-xarabank. Imxew ftit u f'daqqa semghu pjanci jhabbtu.

**Provi teknici u dokumentarji w eccezzjoni dwar l-isfilz tal-process verbal**

Gew esebiti tlett rapporti li saru fl-Inkjesta Magisterjali cioe dik tal-espert tat-traffiku Joseph Zammit, dik tal-perit tekniku l-perit arkitett Valerio Schembri u dik tal-perit legali l-Avukat Vincent Galea. Ma saret ebda oggezzjoni ghal dawn id-dokumenti. Din il-Qorti taghmilha cara illi ser jittiehdu in konsiderazzjoni biss elementi ta' fatti konstatati mill-esperti u mhux konkluzzjonijiet jew opinjonijiet li setghu nghataw rigward xi htija mertu tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut.

F'dan l-istadju din il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-konvenut dwar l-isfilz tal-process verbal esebit mill-atturi mac-citazzjoni a fol. 6 et seq. tal-process hi wahda gustifika.

Dan il-process verbal hu l-opinjoni tal-Magistrat Inkwirenti dwar jekk ghandhomx jittiehdu proceduri kriminali kontra xi parti involuta fl-incident bbazata fuq riassunt tal-fatti kif migbura mid-diversi esperti nominati mill-istess Qorti a dispozizzjoni tal-istess Magistrat Inkwirenti. Apparti li din mhix l-ahjar prova tal-fatti li l-atturi kellhom jesebixxu jew jipproducu, l-konkluzzjoni tal-Magistrat Inkwirenti hi biss opinjoni fuq mertu ghall istituzzjoni o meno ta’ proceduri kriminali li ma ghandhom ebda relevanza ghall-kawza civili dwar responsabilta civili ghall-incident awtomobilistiku. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut referribbilment ghal konkluzzjonijiet raggunti mill-Magistrat Inkwirenti ghandha tigi milqugha.

**Rapport tal-espert tat-traffiku Joseph Zammit li sar bhala parti mill-Inkjesta Magisterjali**

Din ir-relazzjoni tinsab a fol. 51 et seq. tal-process. Joseph Zammit ikkostatata illi l-konvenut kien gej minn Triq Safi biex jikser max-xellug ghat-Triq San Benedettu. Faccata tieghu hemm Triq iz-Zebbiegh mnejn kien gej Marlon Busuttil intenzjonat jaqsam Triq San Benedittu fuq il-lemin tieghu u jsuq fid-dritt fi Triq Safi. Hu ddeskriva kif sab ix-xarabank li taqbel mar-ritratt bil-kulur esebit Dok. RF1 a fol. 243 tal-process mehud minn sid ix-xarabank. Ir-rota tax-xellug ta’ quddiem kienet mal-ponta tal-bankina tax-xellug. Zied li x-xarabank kellha hsara konsiderevoli fuq il-parti frontali lejn il-lemin taht, f’gholi madwar pied, li kienet tikkonsisti fi tkissir ta’ materjal ta’ panelling maghmul mill-fibre glass. Fuq iz-zebgha safranija tal-parti mahbuta kien hemm immarkat zebgha ta’ kulur vjola u iswed kompatibbli mal-kulur tal-crash helmet ta’ Marlon Busuttil. Marlon Busuttil kien jinstab fuq in-naha tal-lemin lejn in-nofs tax-xarabank, rasu taht ix-xarabank b’saqajh il-barra. Aktar lura mill-kadavru u mdahhal bil-quddiem taht ix-xarabank kien hemm il-mutur u iktar lura l-crash helmet iswed bil-faxxi ta’ kulur vjola. Lura mix-xarabank distanza ta’ xi ghoxrin pied kien hemm brake marks fid-direzzjoni li hadet ix-xarabank. Minn ezami tax-xarabank irrizulta li l-brakes kellhom difett li ma jorbtux mija fil-mija sew fis-

sens li ghalkemm jorbtu jigbdu dejjem lejn ix-xellug. Spjega li l-brakes kienu jorbtu fuq quddiem izda batuti fuq wara. Hu zied li dan ma jfissirx li l-incident sehh minhabba dan id-difett stante li din l-anomalija setghet ghenet biex ix-xufier tax-xarabank jitfa' aktar lejn ix-xellug meta dawwar l-isterring lejn ix-xellug. Din l-anomalija giet irrangata b'adjustment tal-wheel cylinder. Rigward il-mutur l-espert tat-traffiku sab illi l-mutur kien ghadu ingranat 'top' meta rah wara l-incident. Ma setghax jikkalkola ezatt l-ispeed minhabba d-difett fil-brakes pero jahseb li kien xi 25 jew 35 kilometri fis-siegha. Ikkonstata wkoll li minn wara l-mutur lura xi hmistax-il pied mnejn kien gej instabu brix u sinjali li jwasslu san-naha l-ohra tat-triq fejn aktar lura nstab brake mark ta' tyre singlu irqieq madwar erba' pulzieri (li l-espert ikkonkluda li saret bir-rota ta' wara) li kien jibda minn fuq il-marki ta' tkaxkir lejn ix-xellug jekk qed thares il-quddiem ta' mnejn kien gej ix-xarabank u li jmorru lura 34 pied u li jwasslu ghal Triq iz-Zebbiegh. Il-motorcycle  gie ezaminat u nstab li kellu brakes tajbin u r-roti shah. Il-mutur kellu hsara fuq il-genb tal-lemin fejn tkaxkar. L-espert Joseph Zammit ma setghax jispjega ghalfejn tal-mutur ma ghafasx il-brake ta' quddiem flimkien ma' dak ta' wara.

**Rapport tal-Perit Arkittett Valerio Schembri li sar bhala parti mill-Inkjesta Magisterjali**

Il-perit arkitett Valerio Schembri pprezenta pjanta dettaljata li tinsab a fol. 347 tal-process ta' dak li hu sab meta mar fuq il-post tal-incident. Il-pjanta hi 'to scale' u l-mizuri huma ezatti. Hu nizzel dak li ra minghajr ma kien il-kompitu tieghu li jaghmel kostatazzjonijiet ibazati fuq opinjoni.

**Rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea li sar bhala parti mill-Inkjesta Magisterjali**

Il-perit legali fl-Inkjesta Magisterjali Dr. Vincent Galea li ghamel access fuq il-lok tal-incident ftit wara li sehh, ikkonstata illi fil-genb tat-triq fejn sehh l-incident kien hemm trakk Bedford. Dan it-trakk jidher car fir-ritratt RF1 imsemmi aktar lura f'din is-sentenza. Ikkonstata wkoll li l-

vittma kellu tyre marks fuq dahru. Rigward il-lok fejn sehh l-incident hu jghid li mnejn kien gej Marlon Busuttil it-triq hi ghat-tond u tiddritta ftit metri qabel tasal biswit Triq San Benedittu.

It-trakk Bedford li kien max-xellug tat-triq fid-direzzjoni li kien gej minnha x-xarabank kien ftit metri lura mill-kanturiera ta' Triq San Benedittu wkoll fuq ix-xellug mnejn ried jikser il-konvenut. Il-forma tat-toroq kif ighid Dr. Galea hi wahda ta' T-junction mghawga bil-parti l-wiesa' cioe Triq Safi aktar wiesa' mill-parti fejn iggongi ma' Triq iz-Zebbiegh bl-istess Triq San Benedittu wkoll tisporgi mghawga fuq iz-zewg toroq. Dan seta' jigi kostatat mill-Qorti mill-pjanta tal-perit tekniku Valerio Schembri.

**Rapport tal-esperti medici li kkonducew l-awtopsja**

L-esperti medici li kkonducew l-awtopsja fuq il-gisem ta' Marlon Busuttil ikkonkludew illi Marlon Busuttil miet kawza ta' hypovlaemic shock prodott mill-lacerazzjoni tal-pulmun u aorta. Irrizulta illi l-kustilji kienu fratturati f'diversi partijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-pjanta maghmula mill-perit tekniku Valerio Schembri tghin hafna biex mill-fatti li jista' jigu misluta minnha din il-Qorti tkun f'pozizzjoni tevalwa ezatt x'gara u b'konsegwenza r-responsabilta ghall-incident tragiku inkwistjoni.

Bla dubbju hu principju regolatur illi minn jallega fatti li bihom jrid jipprova t-talbiet tieghu irid jippruvahom fuq bilanc ta' probabilita jew ahjar b'tali mod li l-Qorti tkun moralment konvinta li l-fatti jwasslu ghal dak mitlub. Fid-dubbju jew nuqqas ta' prova fil-grad rikjest il-konvenut ghandu jigi ezonerat mit-talbiet proposti kontrih. B'danakollu kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri, fil-kawza **Middlesea Insurance vs Joseph Galea et** (App Inf 20.01.2003PS):

*"… jinkombi fuq il-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika ta' l-incident b'kull element ta' prova a*

*disposizzjoni taghha. Dan biex minn tali rikostruzzjoni tkun tista' tasal biex tidentifika r-responsabilitajiet reciproci tas-sewwieqa involuti fl-incident relatati ma' l-osservanza jew non-osservanza da parti taghhom tar-regolamenti tat-traffiku li huma kienu obbligati li josservaw fic-cirkostanzi li fihom sehh is-sinistru. Fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti b'provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu versjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra*."

F'dan il-kaz partikolari l-Qorti trid tgharbel sew ic-cirkostanzi fattwali u materjali a dispozizzjoni biex tasal ghal konkluzjonjijiet taghha billi l-atturi ma ghandhom l-awzilju ta' provi diretti billi Marlon Busuttil miet fl-incident.

Minn ezami akkurat tal-pjanta tal-incident a fol. 158 tal-process maghmula mill-Perit Schembri jirrizulta illi l-konvenut jinsab angolat sew lejn ix-xellug, pozizzjoni li sehhet ghaliex, kif jirrizulta mill-brake marks li halla specjalment dak tax-xellug, minn pozizzjoni dritta li kien jinsab fiha qabel zamm il-brake, il-konvenut irreagixxa ghal emergenza. Jekk pero wiehed jiehu l-pozizzjoni tal-brake marks u jpoggi x-xarabank ftit lura minnhom cioe qabel ma beda jzomm il-brakes u cioe fil-mumenti precedenti ghal dak li geghlu jzomm il-brakes wiehed jiskontra certi fatti. Minn pozizzjoni dritta tax-xarabank, tenut kont tal-kejl tal-perit tekniku fl-Inkjesta Magisterjali mill-hajt tas-sejjiegh fuq il-lemin sat-tarf tal-lemin tax-xarabank (ghalkemm il-perit Schembri jikkalkolah sa nofs il-wiesa' tax-xarabank) wiehed jista' jikkonkludi mill-istess kejl to scale 1:50 illi l-genb tal-lemin tax-xarabank kien circa 2.2 metri l-barra mill-hajt tas-sejjiegh. Meta tqis illi l-wisa' tat-triq hu 8.20 metri (eskluz il-wisa' tal-bankina fuq ix-xellug) u l-wisa' tax-xarabank li hu circa 2.3 metri, ifisser illi x-xarabank kien kompletament fuq in-naha hazina tat-triq. Inoltre jekk tqis li fuq il-lemin tat-triq kif jidher fir-ritratt Dok. RF1, fejn ma hemmx bankina, jidher li anqas hu asfaltat, ifisser illi x-xarabank fil-pozizzjoni li kien, qed jimblokka kompletament il-wisa' kareggjabbli tat-triq. Jekk wiehed jara l-prossimita tat-trakk ghal fejn waqaf ix-xarabank kif jidher f'ritratt RF1 tenut kont tal-brake marks

li ma jinoltrawx hafna wara l-istess xarabank, hu ragonevoli li jigi dezunt illi x-xarabank kien qieghed biex jew beda jaqla’ t-trakk meta zamm il-brakes u kiser ghax-xellug. Anke bil-wisa’ tat-trakk mhux minnu illi l-konvenut kien isuq inkaxxat mat-trakk izda mill-kejl innifsu hu indikattiv li l-konvenut kien isuq il-barra sew mit-trakk ipparkjat.

Fatt iehor li johrog mill-provi hu illi l-konvenut jammetti li ra lil mutur minn fejn jibda l-brake tal-istess mutur u illi l-vizwali tieghu lejn il-mutur kienet tajba u harstu kienet fuq it-triq bla ostakolu. Dan ifisser illi jekk tqis it-tul kollu li hemm bejn il-bidu tal-brake mark ta’ Marlon Busuttil sa ftit qabel ma jibda l-brake mark tax-xarabank (billi irid jittiehed in konsiderazzjoni ftit thinking distance qabel jinzamm il-brake) hemm distanza ta’ circa 27 metru minn meta l-konvenut ra lil Marlon Busuttil l-ewwel darba fuq il-mutur izomm il-brake.

Jigi relevat ukoll illi ghalkemm il-mutur ta’ Marlon Busuttil jidher il-barra fit-triq komparat mal-wisa’ tat-Triq Safi pero jrid jittiehed in konsiderazzjoni illi l-parti tat-triq mnejn kien gej Marlon Busuttil cioe minn Triq Zebbiegh hi dejqa hafna komparata mal-fetha fuq il-lemin tieghu fejn tibda San Benedittu u l-wisa’ ta’ Triq Safi li lejha kien isuq bid-dritt Marlon Busuttil.

Jirrizulta wkoll mis-sejbien fattwali tal-espert tekniku u dak tat-traffiku illi filwaqt li x-xarabank kellu biss brake marks pronunzjati aktar fuq ix-xellug fejn kien jorbot l-aktar, Marlon Busuttil halla brake mark wiehed fid-dritt ta’ 10.4 metri fejn imbaghad skond ir-rizultanzi peritali hemm tul ta’ xi 4 metri brix mil-art fejn jidher li l-mutur gheleb bis-sewwieq u baqa’ diehel taht ix-xarabank fuq quddiem in-naha tal-lemin. Ghalkemm it-tul ta’ hmistax-il pied hu mill-bidu tat-tkaxkira safejn waqaf il-mutur, jidher mill-pjanta illi d-distanza bejn il-bidu tal-brix mil-art sal-impatt max-xarabank hu ta’ 1.8 metri.

Minn dawn il-fatti l-Qorti tqis illi l-incident x’aktarx sehh b’dan il-mod. Marlon Busuttil u l-konvenut kienu qed isuqu faccata ta’ xulxin. Jidher li l-vizwali ta’ Marlon Busuttil

kienet ftit limitata peress illi kif irrizulta lil perit legali fl-inkjesta Dr. Galea, it-triq hi ghat-tond u tiddritta ftit metri biss qabel tigi ghal kantuniera ma' Triq San Benedittu. Il-konvenut kien gej fi Triq Safi intenzjonat jikser max-xellug fi Triq San Benedittu. Kellu trakk ipparkjat fuq ix-xellug u ghalhekk kiser il-barra talment li ghalaq il-karreggjata opposta u gie wrong side u kif kien qed jibda s-sorpass ra l-mutur faccata tieghu tul ta' xi 27 metri boghod. Ghal xi raguni li ma irrizultatx il-mutur zamm il-brake u baqa' gej f'direzzjoni dritta. Il-konvenut fl-istess waqt ipprova jerga' jiftah it-triq billi jillibera l-karreggjata li minnha ried isuq Marlon Busuttil, billi zamm il-brakes u kiser ghax-xellug; manuvra twila xi disa' metri (meta tqis il-ponot l-aktar il-boghod minn xulxin tal-brake marks li halla) u li flok ghinet biex zblokkat it-triq effettivament ghalqitha lateralment. Marlon Busuttil jidher li ghalkemm fuq il-brake, tilef il-kontroll tal-mutur ftit metri lura mix-xarabank, li f'dak il-hin kienet waqfet jew waslet biex tieqaf, u tkaxkar ghal tahtha bil-konsegwenza tragika.

Id-domanda li ssegwi dan l-apprezzament ta' fatt hi x'kienet il-causa prossima cioe principali jekk mhux esklussiva tal-incident. Il-Qorti tqis il-manuvara tax-xarabank f'dawk ic-cirkostanzi censurabbli ghall-ahhar. Ikun semplicistiku ghall-ahhar li f'kaz bhal dan ir-responsabilta tigi akkollata skond fejn tkun effettivament sehhet il-habta. Harsa prima facie lejn il-pjanta juri illi l-habta sehhet fil-parti tat-triq fejn suppost kien isuq ix-xarabank. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Gasan Mamo Insurance Limited nomine et vs Raymond Vella** (App Inf 22.06.2005PS) "B'danakollu hu pacifikament stabbilit illi "sewwieq ta' karozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhix necessarjament ikun responsabbli ghal kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta' lok ghal dik il-kollezjoni". Ziedet tghid il-Qorti tal-Appell fil-kawza **John Azzopardi vs Martin Camilleri** (App Civ 29.04.2005) "Ghalhekk din il-Qorti, ma tistax taghmel, kif ghamlet bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti, li bbazat il-htija tal-kollizjoni unikament fuq il-fatt li l-konvenut kien oltrepassa l-linja immaginarja medjana tat-triq. Ghalhekk irid jigi ezaminat ukoll il-komportament tas-sewwieq l-iehor, cioe l-attur, fil-hin qabel u waqt li sehh l-incident biex jigi stabbilit jekk l-

attur kienx jew le qieghed jezercita dik l-attenzjoni u reasonable care mistennija minnu meta huwa kien qed jimmanuvra ...”.

Jirrizulta illi z-zewg sewwieqa ghafsu l-brakes taghhom. Hu ragonevoli illi Marlon Busuttil ma zammx il-brakes tieghu ghax hekk fettillu jaghmel. Fil-mument li zamm il-brakes hu kien ghadu fi Triq iz-Zebbiegh fid-dritt fi triqtu intenzjonat jibqa’ jsuq fid-dritt fi Triq Safi. Hu kien hareg minn parti dejqa tat-triq biex jaffronta l-fetha ma’ Triq San Benedittu fuq il-lemin tieghu u ’l quddiem il-parti wiesa’ ta’ Triq Safi bi dritt ma’ Triq Zebbiegh. Il-konvenut jixhed illi hu zamm il-brakes meta ra lil Marlon Busuttil li zgur kien ghadu f’postu fi Triq iz-Zebbiegh. Ir-raguni logika li l-konvenut geghlitu jzomm il-brake u jikser kemm jiflah ghax-xellug kif jirrizulta mill-iskizz hu illi kien qed jaffettwa sorpass ta’ vettura pparkjata fuq ix-xellug tieghu meta kien pozizzjonat kompletament fuq in-naha hazina tat-triq.

Jirrizulta mir-ritratt esebit Dok. RF1, ezatt fejn beda jsir is-sorpass hemm slow sign impingija mal-art. Din qeghda hemm bhala avvertiment ghal vetturi billi fil-vicinanzi hemm l-inkrocju ma’ Triq San Benedittu u ’l quddiem il-parti dejqa ta’ Triq iz-Zebbiegh.

Il-konvenut li ried jissorpassa t-trakk wieqaf biex ikun jista’ jikser max-xellug ma kellux xi brevett ta’ immunita semplicement ghax kellu trakk wieqaf quddiemu. Hu minnu li ried isir is-sorpass izda biex isir dan is-sorpass il-konvenut refa’ fuqu l-obbligu, li jiddetermina li jista’ bi prudenza u ghaqal, jibda, jkompli u jittermina l-manuvra tieghu bla xkiel jew periklu ghal utenti ohra tat-triq. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Michael Balzan vs Lawrence Ciantar** (App Civ 17.02.2006):

Huma principji maghrufa li…Kull sewwieq ghandu jzomm proper look out u r-responsabbilta` ghall-incident tigi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa fil-mument meta jigu rinfaccjati bil-possibilita` ta’ impatt.

Il-‘*proper look out’* hija ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares il quddiem jew li jkollu vizwali cara izda s-sewwieq irid ikollu “*an awareness of his immediate vicinity*” u cioe li s-sewwieq irid ikun jaf x’qed jigri madwaru u mhux semiplicement ihares ‘il quddiem b’mod cass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Sptieri v. R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea v. Oreste Sammut** App 5/10/98; **Dr. Remigio Zammit Pace v. C. Grima** App Inf. 16/5/97; **A Gatt v. M. Shephard** App Inf 7/5/98). Ghalhekk kull *driver* irid jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi li jkun fihom, bhal ma huma l-hin tal-gurnata, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontigenti (Ara **Vol XLVI pI p112**). Fin-nuqqas ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.

Inoltre il-Qorti fil-kawza **Hugh Zammit nomine vs Keith Farrugia** (28.06.2001) f’materja ta’ sorpass qalet hekk:

“f’materja ta’ determinazzjoni ta’ responsabilita’ ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta’ dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F’materja ta’ sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita’ u mhux l-ekwita’ u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta’ l-istess regolamenti, li wahdu jista’ jipprevjeni l-incidenti”.

Meta wiehed jaghmel surpass dan ghandu jiehu r-responsabilita’ tal-istess manuvra tieghu, u dan ifisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista’ jew ser tikkawza perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l-ohra tal-istess triq, tant li f’certu cirkostanzi fuq elenkati fil- Highway Code, u kkonfermati fil-gurisprudenza nostrali, huwa imprudenti li tigi ttentata l-istess manuvra. Fil-fatt f’kaz ta’ dubju wiehed ghandu jiddesisti milli jaghmel tali manuvra, stante li l-prudenza hija l-bazi tas-sewqan regolat u responsabbli.

Il-Qorti tirrileva illi l-konvenut spjega l-manuvra b'mod semplici meta mistoqsi kif ghamel il-manuvra. Qal hekk: "tghixel l-indicator, titfa' ftit il-barra biex tiehu bendjatura biex iddur hux; ghax ix-xarabank mhix karozza zghira, twila hux." Iktar il-quddiem il-konvenut ighid li ghadda ikkaxnat mat-trakk li irrizulta mill-pjanta li mhux hekk. Inoltre zied li meta ra lil Marlon Busuttil jaqa' minn fuq il-mutur, cioe zewg metri lura mill-impatt kif jirrizulta mill-kostatazzjonijiet peritali ta' fatt, hu tefa' l-trakk rasu taht il-gallerija mal-bankina.

Il-konvenut jammetti li ra lil Marlon Busuttil gej mill-faccata pero nonostante dan u tenut kont li x-xarabank hu vejikolu kbir b'manuvrabilita limitata u trid certu tul apprezzabbli biex tissupera trakk wieqaf u tenut kont li l-konvenut nonostante vizwali cara quddiemu u ghalhekk b'apprezzament ta' vetturi gejjin mill-faccata, qabad u beda procedura ta' sorpass f'distanza fejn ma kellux ic-certezza li seta' jikkompleta l-manuvra impunement meta jirrizulta li effettivament meta beda s-sorpass kien kompletament fuq in-naha hazina tat-triq. Kif kompliet izzid is-sentenza fil-kawza **Michael Balzan vs Lawrence Ciantar noe et** (App Civ 17.02.2006): "Dak li jigri f'dak il-mument (cioe sewwieq rinfaccat bil-possibilita ta' impatt) u aktar u aktar fl-agony of the collision, hu generalment irrelevanti ghal fini ta' responsabilta."

Madankollu jrid jizdied l-element tal-imprevist bhar-reazzjoni tas-sewwieq l-iehor, it-tip ta' vettura, in-natura tat-triq jew bhal f'dan il-kaz, il-manuvrabilita u kontroll tal-vettura bhax-xarabank inkwistjoni, li rrizulta li l-brakes tar-rota fuq wara ma kienux jorbtu bizzejjed li ovvjament zied il-hin biex ix-xarabank waqaf, u dan anki jekk il-konvenut ma kienx jaf li l-brakes ma kienux jorbtu sew. Il-Qorti ghandha d-dubbju dwar dan kif ghandha d-dubbju li dan id-difett sehh ghax il-konvenut ighid li d-difett zviluppa ghax ghafas il-brake f'salt. Pero anki din l-istess stqarrija tieghu tindika illi fil-mument li kien qed jissorpassa hu hass il-bzonn li jahsad il-brake u mhux jaghfsu bil-mod. Din hi indikazzjoni li waqt is-sorpass li gie effettwat bla ebda mizura preventiva l-konvenut irrealizza bl-emergenza serja u dan meta kuntrarjament ghal dak li

jghid hu, Marlon Busuttil ma kienx qed jitkaxkar mal-art izda kien ghadu bid-dritt jibbrejkja l-mutur kif jidher mill-istess pjanta tal-perit Valerio Schembri.

Il-Qorti tqis illi s-sewqan tal-konvenut konsistenti f’nuqqas ta’ proper lookout qabel beda jsir is-sorpass u l-hrug tieghu komplet fuq il-naha hazina tat-triq poggietu f’pozizzjoni li ma setax aktar jikkontrolla s-sitwazzjoni li ikkreja hu billi imblokka t-triq kollha u li kompla aggrava meta zamm il-brakes li ma kienux jiffunzjonaw kif trid il-ligi u billi bil-pozizzjoni li waqaf fiha litteralment imblokka t-triq mnejn kien gej Marlon Busuttil. Din hi l-kawza principali tal-incident li ghalih ghandu jirrispondi l-konvenut. Il-fatt li jista’ jkun li l-konvenut lahaq waqaf qabel sehh l-impatt u illi l-impatt sehh ghax Marlon Busuttil tkaxkar l-ahhar ftit metri fuq ix-xarabank ma jnehhiex mis-sejbien ta’ din il-Qorti illi kienet il-manuvra azzardata ta’ sorpass f’cirkostanzi fejn il-konvenut seta’ u kellu joqghod lura meta kellu mutur gej mill-faccata aggravata mill-fatturi ta’ kobor tax-xarabank, diffikulta akbar fil-manuvrar u pozizzjonar li harget aktar in-natura mid-difett fis-sistema ta’ brakes li waslet principalment ghall-incident inkwistjoni.

Madankollu l-Qorti tqis li Marlon Busuttil ukoll ghandu parti mir-responsabilta ghall-akkadut. Hu fatt illi Marlon Busuttil kien isuq bla licenzja ghax ma kellux tmintax-il sena. Hu ha l-mutur ta’ missieru bla ma kellu permess u skond l-istess genituri bla ma kienu jafu. Tali nuqqasijiet daparti ta’ Marlon Busuttil, li kieku baqa’ haj, setghu jesponuh ghal passi kriminali pero ma ghandhomx iservi ta’ vantagg ghall-konvenut. Persuna li tpoggi lil haddiehor f’pozizzjoni ta’ periklu ma tistax tezimi ruhha mir-responsabilta taghha ghall-agir negligenti ta’ dik il-persuna. Marlon Busuttil seta’ ha riskju meta rikeb u saq mutur bla ma kellu licenzja tas-sewqan pero dan ir-riskju jghodd ghall-agir tieghu stess mhux fil-konfront ta’ agir ta’ terzi (ara **Isabelle Borg et vs Robert Galea et,** App Civ 03.03.2004).

Ghalkemm il-konvenut jinsisti illi l-konvenut ma kienx liebes helmet izda kien imdendel mal-mutur, din il-Qorti ma tqis illi din il-kwistjoni setghet kellha xi influenza determinanti fuq in-natura tal-incident u l-kawza tal-mewt.

Anki jekk ghal grazzja tal-argument jigi accettat li Marlon Busuttil ma kienx libes il-helmet, liema helmet pero bhala fatt instab vicin il-kadavru li jirrizulta mill-marki taz-zebgha mal-parti ta' quddiem tax-xarabank kompatibbli mal-kulur tal-helmet, illi kien hemm impatt tal-helmet max-xarabank, il-kawza tal-mewt ta' Marlon Busuttil ma kienitx l-impatt ta' ras Marlon Busuttil max-xarabank izda jirrizulta mir-rapport tal-esperti forensici illi t-trawma kienet fil-parti ta' sidru cioe l-pulmun, it-ticrit tal-aorta u l-ksur konsiderevoli fil-kustilji. Dan jindika li l-impatt principali ta' Marlon Busuttil max-xarabank kien minn ghonqu l-isfel ghalkemm kif inhu verosimili f'kazijiet simili li kellu kontuzzjonijiet ohra f'gismu inkluz f'rasu.

Kif inhu pacifiku pero, li kull persuna hi responsabbli ghall-agir taghha u ladarba Marlon Busuttil ghazel volontarjament li jikser il-ligi u jsuq mutur meta kien taht l-eta xorta kellu l-obbligu li jsuq sew b'mod li ma jkunx ta' periklu ghalih u ghal haddiehor. Il-kawza **Victor u Helen Xerri vs Julian Sultana et** (Qorti Ghawdex 16.09.2009 AE) dahlet funditus f'din il-kwistjoni u din il-Qorti hasset approprjata u precizi whud mill-kwotazzjonijiet hemm imsemmija. Jinghad hekk:

Skond l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili:-

*"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."*.

Ghal dik li hi kawzalita' hi rilevanti l-osservazzjoni li ghamel Lord Reid:-

*"One may find that as a matter of history several people have been at fault and that if any one of them had acted properly the accident would not have happened, but that does not mean that the accident must be regarded as having been caused by the faults of all of them. One must discriminate between those faults which must be discarded as being too remote and those which must not.*

*Sometimes it is proper to discard all but one and to regard that one as the sole cause, but in other cases it is proper to regard two or more as having jointly caused the accident. I doubt whether any test can be applied generally."* (**Stapley v. Gypsum Mines Ltd** – 1953) [*Charlesworth & Percy on Negligence,* R.A. Percy 8 Edizzjoni, Sweet & Maxwell (1990) pagna 390.]

Mill-banda l-ohra jrid jittiehed ukoll in konsiderazzjoni principju iehor relevanti ghal kaz inkwistjoni cioe dak ta' negligenza kontributorja.

Lord Denning spjega dan il-principju fil-kawza **Davies**:

*"It has sometimes been suggested that an injured plaintiff is not guilty of contributory negligence unless he is under a duty of care towards the defendant...... In my opinion, it is not a correct approach.* ***When a man steps into the road he owes a duty to himself to take care for his own safety, but he does not owe to a motorist who is going at an excessive speed any duty to avoid being run down. Nevertheless, if he does not keep a good lookout, he is guilty of contributory negligence.*** *The real question is not whether the plaintiff was neglecting some legal duty, but whether he was acting as a responsible man and with reasonable care……"* [*Cases & Commentary on Tort*, B. Harvey u J Marston (Pitman Publishing, 1994) pagna 146] (enfazi mizjuda).

Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili li jittratta l-htija kontributorja jipprovdi li din issehh *"Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb* ***ikkontribwiet jew tat okkazzjoni ghall-hsara****......."*. Fil-fehma tal-qorti dan il-kliem juri li jista' jkollok kaz li ghalkemm vittma ma tkunx hatja tal-incident, il-qorti xorta tista' ssib li l-vittma ghandha htija fil-kawza tad-danni. Dan ifisser li ghal finijiet ta' htija kontributorja m'huwiex bizzejjed li l-qorti tillimita l-indagni sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet ipprovoka s-sinistru, cjoe' l-kollizjoni. Trid issir indagni wkoll fuq il-kawza tad-danni li sofra l-vittma. Jista' jkollok riduzzjoni fejn per ezempju l-vittma naqas milli jilbes crash helmet, jew kien minghajr

seat belt, jew jirkeb ma' persuna li jaf li qeghda ssuq that l-effett ta' kwantita sostanzjali ta' alkohol, jew jirkeb f'karrozza li jaf li hi difettuza. Certament ma tezistix xi regola fissa ghal kazijiet u l-qorti trid tiddeciedi skond ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Issir riferenza ohra ghall-insenjament ta' Lord Denning fil-kawza **Broom et vs Butcher** (1975):

*"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others.* ***Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself.****"* (enfazi mizjuda).

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dak li ghamel Marlon Busuttil rinfaccat b'xarabank li zgur rah meta x-xarabank kien qieghed pozizzjonat dritt fuq in-naha hazina tat-triq jew jangola lejn ix-xellug biex jerga' jibda diehel fil-kareggjata proprja tieghu. Il-Qorti hi konvinta li kienet il-manuvra mhux f'waqtha tal-konvenut il-kagun principali tal-incident. Pero fl-istess waqt din il-Qorti tqis li l-hsara subita minn Marlon Busuttil li waslet ghal mewta tragika tieghu ma kienitx il-htija unika tal-konvenut.

Kif ighid l-awtur **John M. Logan** fil-ktieb tieghu *Briefcase of Tort Law 1995*, "If as a result of his contributory negligence the plaintiff suffers greater injury than he otherwise would have sustained, then his entitlement to compensation should reflect that fact."

Il-Qorti tirrileva illi ma saritx prova cara jekk Marlon Busuttil kienx qed isuq il-mutur ghall-ewwel darba jew jekk kienx isuq vetturi ohra ghalkemm bla licenzja. Pero meta wiehed iqis illi mill-provi irrizulta li mill-bajja fejn mar ighum ma' shabu hu mar wahdu biex jaqta' xaghru u flok mar ghand il-parrukkier, mar id-dar biex isuq il-mutur ghand il-parrukkier, dan mhux kompatibbli ma' agir singolari, izda pjuttost indikattiva ta' mod ta' agir, jekk mhux frekwenti

izda zgur mhux ta' darba. Xorta jibqa' l-fatt li jekk saq qabel, dan ghamlu bil-mohbi, bla ma kien abitwat regolarment fuq it-toroq u meta kien ghadu bla esperjenza ta' sewqan tenut kont tal-eta u l-fatt li ma kienx ghadu eligibbli ghal licenzja ta' sewqan.

Dawn il-fatturi jwasslu lil-Qorti ghal fehma illi rinfaccat b'sitwazzjoni anomala, l-inesperjenza ta' Marlon Busuttil harget fid-deher. Mill-brake mark innifsu li halla, kemm jekk ghafas il-brake ta' wara biss kif isostni l-espert tat-traffiku u kemm jekk le, u d-distanza li tkaxkar, jidher li almenu ra lix-xarabank tul ta' tnax-il metri boghod minnu meta suppost kien isuq b'mod prudenti fuq mutur ta' cilindrata mhux qawwija. Irid jittiehed in konsiderazzjoni wkoll illi Marlon Busuttil kien qed javvicina inkrocju fuq il-lemin u jizbokka minn parti dejqa ghal parti aktar wisa' li ggongi ma' Triq Safi li ried isuq fiha u li kellu jikser ghax-xellug biex jippozizzjona ruhu sew fit-triq.

Sewwieq prudenti kellu jiehu dan kollu in konsiderazzjoni u jirregola s-sewqan tieghu adegwatament. Invece jidher li meta zamm il-brake meta kien ghadu fid-dritt fi Triq iz-Zebbiegh, hu ma zammx kontroll tal-mutur tant li baqa' hiereg bi dritt fuq il-brake sa ma tilef il-kontroll komplet, tkaxkar distanza qasira u kellu impatt qawwi max-xarabank. Nonostante t-tul li kien hemm, li ghalkemm fis-sewqan hu relattivament qasir pero meta tqis in-natura tat-triq li kien isuq fiha u c-cilindrata tal-mutur, l-ispeed kellu jkun mizurat biex sewwieq prudenti u attent jiehu mizuri ta' evazjoni immedjata ghal emergenza. Dan ma jidhirx li sar fil-kaz ta' Marlon Busuttil bil-konsegwenzi tragici li sehhew. Il-Qorti ma tistax tipponta f'kawza partikolari ghaliex dan sehh, ghalkemm tqis li l-inesperjenza, l-eta, u forsi l-ispeed f'dik il-parti tat-triq kollha ikkontribwew biex il-hsara tkun aktar gravi milli setghet kienet u dan minghajr ma jigi minimizzat illi essenzjalment pero kien is-sewqan tal-konvenut li ta' lok ghall-incident.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis illi r-responsabilta ghall-incident ghandha tigi mitfugha fuq il-konvenut pero ghandu jkun hemm ottemperament ta' certu relevanza

ghax il-gravita tal-hsara ikkontribwixxa ghaliha l-istess Marlon Busuttil ghar-ragunijiet moghtija. Il-Qorti tqis li ghalhekk il-konvenut ghandu jbati hamsa u sebghin fil-mija (75%) tal-hsara u Marlon Busuttil hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

**Danni**

Il-kawza saret mill-genituri u zewgt ahwa ta’ Marlon Busuttil li mill-atti jidher li miet intestat u ghalhekk l-eredi skond il-ligi huma l-genituri u hutu.

L-azzjoni li ntavolaw l-atturi hi a bazi tal-artikolu 1046 tal-Kodici Civili u qeghda ssir iure proprio. Huma qed jitolbu d-danni li sofrew b’rizultat tal-mewt ta’ Marlon Busuttil (ara **Salvatore Cortis et vs Cecil Baker nomine**, App Civ 31.01.1997). kif inghad l-azzjoni hi moghtija lill-eredi u l-ligi ma tghidx li biex issir l-azzjoni min jaghmilha irid ikun dipendenti tant li l-artikolu 1046 ighid li f’kaz ta’ mewt, il-Qorti tista’ flimkien mat-telf u spejjez attwali, taghti lil werrieta tal-mejjet id-danni bhal fil-kaz ta’ inkapacita totali ghal dejjem.

Id-danni kontemplati mill-ligi fl-artikolu 1045 huma s-segwenti:
1. Telf effettiv li l-ghemil ikun gab direttament lil parti li tbati l-hsara;
2. Spejjez li sofriet minhabba l-hsara;
3. Telf ta’ paga jew qliegh attwali;
4. Telf ta’ qliegh li tbati ’l quddiem jew totali jew parzjali li dak l-eghmil seta’ gab.

Fil-valutazzjoni ekonomika jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta’ inkapacita u l-kondizzjoni tal-parti li sofriet il-hsara.

Jirrizulta illi bhala danni attwali ma qed jigi pretiz xejn mill-atturi, lanqas ghal hsara fil-mutur. Ma ngiebu ebda provi a rigward.

Inkwantu ghat-telf ta’ qliegh jigi relevat is-segwenti:

Dhul annwali. Marlon Busuttil kellu kwazi tmintax-il sena meta miet. Hu kien spicca mill-iskola pero kien ghadu ma bediex jahdem ghalkemm kien ighin lil huh f'xoghol ta' mechanic pero minghajr hlas. Ma ngiebet ebda prova dwar x'kien bi hsiebu jaghmel Marlon Busuttil cioe kienx ser jidhol f'xi skola jew istituzzjoni ta' taghlim aktar avvanzata mill-iskola sekondarja biex jiehu xi certifikat jew diploma li setghu jkunu ta' ghajnuna ghax-xoghol. Kien jidher biss li kellu hajra ghax-xoghol ta' huh jew xi sengha simili. Il-Qorti rinfaccata b'dawk il-fatti tqis illi ghandha tiehu bhala bazi ghal qliegh futur minn impjieg li seta' ghamel Marlon Busuttil, il-paga minima fis-sena 2003 li kienet ta' €123.76 fil-gimgha cioe €6,435.52 fis-sena li maghhom jizdied il-bonus annwali ta' €512.42 cioe b'kollox €6,947.94. Mehud in konsiderazzjoni z-ziedet li jsiru fil-qliegh tul iz-zmien meta tqis l-eta zghira ta' Marlon Busuttil din il-Qorti ser tqis id-dhul annwali bhala €7,500.

Multiplier. Marlon Busuttil kien ser jaghlaq tmientax-il sena meta miet. Kellu hajja lavorativa twila quddiemu u ma jirrizultax li kellu xi mard li jimpedih milli jahdem. Din il-Qorti tqis li ghalkemm hemm gurisprudenza fis-sens li l-multiplier ghandu jsir a bazi tal-eta pensjonabbli pero hemm gurisprudenza u din il-Qorti tqis li hi aktar gusta w ekwa li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni c-chances and changes of life li ma jfissrux necessarjament li persuna necessarjament ser tibqa' tahdem sal-eta pensjonabbli specjalment meta din ic-cirkostanza fil-kaz partikulari kienet ghada 'l boghod hafna. Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz ghandu jittiehed bhala multiplier 35 sena u dan wara li qieset ukoll li Marlon Busuttil ma kienx ghadu beda jahdem u ma kellux prospett imminenti ta' impjieg.

Lump sum payment. L-incident sehh fl-2003 u l-kawza giet prezentata fl-2004. ghalhekk ghal fini ta' tnaqqis ta' lump sum payment il-Qorti ser tnaqqas 10% applikat il-principju li ntuza b'konsistenza fil-kawza fl-ismijiet **Mark Caruana vs Grazio Camilleri** (PA 05.10.1993).

Dependency. Ghandha tigi ikkunsidrata d-dependency issue. Hu affermat illi l-eredi tal-mejjet ghandhom id-dritt li jigu kumpensati ghad-danni anki jekk ma jkunux

strettament dependenti fuq il-vittma. Dan hu kaz inkwistjoni. Marlon Busuttil kien ghadu guvni, ma bediex jahdem, ghadu ser jaghlaq tmientax-il sena u jghix mal-genituri tieghu. Hu kien dipendenti fuqhom u mhux vice versa. Din il-Qorti tqis li l-insenjament ta’ **Anthony Turner et vs Francis Agius** (App Civ 28.11.2003) ghandu japplika f’dan il-kaz. Intqal hekk f’dik is-sentenza:

Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f’kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f’sitwazzjoni fejn si tratta ta’ mewt ta’ kap ta’ familja li, minnu din tkun qeghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta’ membru iehor ta’ familja li qeghdha tghix fi hdanha u li fin-normalita` tal-hajja l-probabilita` tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghal rasha.

Din il-Qorti tqis li dan l-argument hu gustifikat ghal dan il-kaz. Marlon Busuttil kien ghadu zghir, f’sahhtu, u bi prospetti normali ta’ hajja li dan jahdem u jsib l-istat tieghu billi jibni hajja fil-futur mhux il-boghod hafna, il-barra mid-dar fejn trabba. L-atturi kif inghad ma kellhom ebda dipendenza fuqu meta miet u lanqas jirrizulta illi mid-dhul li seta’ qala’ fil-futur kienu ser igawdu xi parti sostanzjali minnu l-atturi ghalkemm ma jidhirx li kien hemm xi prospett li jizzewweg jew jitlaq mid-dar f’xi zmien qarib.

Hu minnu illi l-argumenti huma kollha spekulattivi w ipotetici mhollija f’diskrezzjoni ampja tal-gudikant. Il-Qorti tqis li ghandu jitnaqqas hamsin fil-mija (50%) ghad-dependency, l-istess kif il-Qorti ikkunsidrat fil-kawza **Carmelo Micallef St. John vs Richard Spiteri** (App Civ 15.01.2002).

<u>Own consumption</u>. Mis-somma li tigi komputata bhala danni ghal telf futur trid issir dik ir-riduzzjoni, normalment hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ghalkemm mizjud f’certi kazijiet bhala rata ta’ konsum misthajjel li l-vittma kienet tiekol jew tonfoq li kieku baqghet hajja, li fir-rigward ta’ telf ta’ qliegh li jigi likwidat, parti minn dik is-somma kienet ser tigi utilizzata mill-mejjet ghall-konsum tieghu. Il-principju

regolatur hu li min ghandu d-dritt, cioe d-danneggat jew f'dan il-kaz l-eredi tieghu iure proprio ghax fil-mument tal-mewt il-beni ma kienux fil-patrimonju tal-mejjet, jitpoggew fil-pozizzjoni li kienu jkunu li kieku ma gratx id-disgrazzja.

Komputazzjoni. Ghalhekk is-somma in linea ta' danni tinhadem hekk [€7,500 x 35 – 10% - 50% - 25%] = tmienja u tmenin elf hames mija u tlieta u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€88,593.75).

Is-somma dovuta mill-konvenut bhala danni lill-atturi tenut kont li hu gie misjub responsabbli ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%) tad-danni hi allura ta' [€88,593.75 – 25%] = sitta u sittin elf erba' mija u hamsa u erbghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€66,445.31).

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu inkompatibbli ma' dak li ser jinghad,

1. Tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli fi grad ta' tlett kwarti (3/4) ghall-incident stradali li sehh fit-12 ta' Gunju 2003 fi Triq Safi Kirkop;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' sitta u sittin elf erba' mija u hamsa u erbghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€66,445.31); u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma lill-atturi in linea ta' danni;

Bl-ispejjez ikunu tlett kwarti (3/4) a karigu tal-konvenut u kwart (1/4) a karigu tal-atturi u bl-imghax legali jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------